

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 160/2012

tat-23 ta' Frar 2012

li jiffissa l-ammont ta' għajna minn qabel għall-ħżin privat tal-butir għall-2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Ir-Regolament dwar l-OKS Unika] <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(a) u (d) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdni għall-għotja ta' għajna għall-ħżin privat tal-butir.
- (2) L-iżviluppi fil-prezzijiet u l-ħażniet tal-butir jindikaw żbilanċ fis-suq li jista' jiġi eliminat jew imnaqqas mill-ħżin stagjionali. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tas-suq, huwa xieraq li tingħata għajna għall-ħżin privat tal-butir mill-1 ta' Marzu 2012.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdni regoli komuni għall-għotja ta' għajna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli <sup>(2)</sup> stabbilixxa regoli komuni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' għajna għall-ħżin privat.
- (4) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, se tingħata għajna ffixsata minn qabel skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati kif ipprovduti fil-Kapitolu III ta' dak ir-Regolament.
- (5) Skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 l-għajna għandha tiġi ffixsata fid-dawl tal-ispejjeż tal-ħżin u x-xejriet mistennija fil-prezzijiet għall-butir frisk u l-butir mill-ħażniet.
- (6) Huwa xieraq li tiġi ffixsata għajna għall-ispejjeż tad-dħul u l-ħruġ tal-prodotti kkonċernati u għall-ispejjeż ta' kuljum għall-ħżin f'ambjent imkessaħ u għall-finanzjament.
- (7) Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' din il-miżura u filwaqt li tiġi kkunsidrata l-prattika eżistenti fl-Istati

Membri, l-għajna għandha tkun relatata biss ma' prodotti li jkunu nħażnu kompletament. Konsegwentement, għandha tiġi pprovduta deroga mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.

- (8) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u simplifikazzjoni amministrattivi, meta t-tagħrif meħtieġ dwar id-dettalji tal-ħżin ikun diġà inkluż fl-applikazzjoni għall-għajna, huwa xieraq li jkun hemm eżenzjoni mit-talba li l-istess tagħrif jiġi nnotifikat wara li l-kuntratt ikun konkluż, kif ipprovdut fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.
- (9) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza loġistika, l-Istati Membri għandhom jitħallew jeżentaw mir-rekwiżit li kull unità maħżna tkun immarkata bin-numru tal-kuntratt meta n-numru tal-kuntratti jkun iddaħħal fir-reġistru tal-ħażniet.
- (10) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u simplifikazzjoni amministrattivi, u b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni partikolari tal-ħżin tal-butir, il-kontrolli kif ipprovduti fl-Artikolu 36(6) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandhom jitwettqu tal-anqas fuq nofs il-kuntratti. Konsegwentement, għandha tkun ipprovduta deroga minn dak l-Artikolu.
- (11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jstipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew <sup>(3)</sup> jstipula regoli komuni għan-notifikazzjoni ta' informazzjoni u dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni. Dawn ir-regoli jkopru partikolarment l-obbligu għall-Istati Membri li jużaw is-sistemi ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni u l-validazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess tal-awtoritajiet jew l-individwi awtorizzati biex jibagħtu n-notifiki. Barra minn hekk, ir-Regolament jstabbilixxi prinċipji komuni li japplikaw għas-sistemi ta' informazzjoni sabiex l-awtentiċità, l-integrità u l-leġġibilità tad-dokumenti jiġu ggarantiti tul iż-żmien. Għandu jipprovdni wkoll għall-protezzjoni tad-dejta personali.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

- (12) Skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009, l-obbligu biex jintużaw is-sistemi ta' informazzjoni skont dak ir-Regolament għandu jiġi pprovdut fir-Regolamenti li jistabbilixxu obbligu ta' notifika speċifiku
- (13) Il-Kummissjoni żviluppat sistema ta' informazzjoni li tippermetti l-immaniġġjar tad-dokumenti u l-proċeduri b'mod elettroniku fi ħdan il-proċeduri ta' ħidma interni tagħha u fi ħdan ir-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet involuti fil-politika agrikola komuni.
- (14) Qed jitqies li obbligi ta' notifika għall-ħżin privat tal-butir jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' dik is-sistema skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009, b'mod partikolari dawk ipprovduti fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.
- (15) Għal raġunijiet ta' ċarezza, dan ir-Regolament għandu jiskadi fl-aħħar data stipulata għat-tmiem tal-perjodu kuntrattwali tal-ħżin.
- (16) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni fi żmien l-iskadenza stabbilita mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jipprovdni għal għajjnuna għall-ħżin privat tal-butir mielaħ u tal-butir mhux mielaħ kif imsemmi fl-Artikolu 28(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għal kuntratti konklużi mill-1 ta' Marzu 2012.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu japplika, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

L-unità tal-kejl imsemmija fl-Artikolu 16(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 hija l-“lott tal-ħżin” li jikkorrispondi għall-kwantità tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament, li jiżnu tal-anqas tunnellata u huma ta' kompożizzjoni u kwalità omoġenja, prodotti f'fabbrica waħda, maħżuna f'maħżen wieħed f'jum wieħed.

#### Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, l-applikazzjonijiet għandhom ikunu relatati biss mal-prodotti li nħażnu kompletament.

2. Ma għandux japplika l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 22(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 li jimmarkaw in-numru tal-kuntratt sakemm il-maniġer tal-

maħżen jieħu ħsieb idaħħal in-numru tal-kuntratt fir-reġistru msemmi fil-punt III tal-Anness I għal dak ir-Regolament.

4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(6) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008, fit-tmiem tal-perjodu tal-ħżin kuntrattwali, l-awtorità responsabbli għall-kontroll għandha, tul il-perjodu kollu tat-tneħħija mill-ħżin bejn Awwissu 2012 u Frar 2013, fir-rigward ta' mill-anqas nofs l-għadd tal-kuntratti, tivverifika permezz ta' kampjuni, il-piż u l-identifikazzjoni tal-butir maħżun.

#### Artikolu 4

1. L-għajjnuna għall-prodotti msemmeja fl-Artikolu 1 għandha tkun:

— EUR 14,88 għal kull tunnellata ta' ħżin għall-ispejjeż fissi tal-ħżin,

— EUR 0,26 għal kull tunnellata għal kull jum ta' ħżin kuntrattwali.

2. Id-dħul fil-ħżin kuntrattwali għandu jsir bejn l-1 ta' Marzu u l-15 ta' Awwissu 2012. It-tneħħija mill-ħżin tista' ssir biss mis-16 ta' Awwissu 2012 'il quddiem. Il-ħżin kuntrattwali għandu jispiċċa fil-jum ta' qabel dak li fih jitneħħa mill-ħżin jew mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Frar tas-sena ta' wara d-dħul fil-ħżin.

3. L-għajjnuna tista' tingħata biss meta l-perjodu kuntrattwali tal-ħżin ikun bejn 90 u 210 jum.

#### Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan li ġej:

a) sa kull nhar ta' Tlieta għall-ġimgħa ta' qabel, il-kwantitajiet li għalihom ġew konklużi l-kuntratti kif ukoll il-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom intbagħtu applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti kif meħtieġ skont l-Artikolu 35(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008;

b) mhux aktar tard mill-aħħar tax-xahar għax-xahar ta' qabel, l-informazzjoni dwar l-istokkijiet meħtieġa skont l-Artikolu 35(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 826/2008.

2. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009.

#### Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jiskadi fit-28 ta' Frar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---